# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Droga 257/00***

***Pulizija***
***Supt.Nicholas Ciappara***
***v***
***Ivan Galea et.***

Illum 4 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar 2002 il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat.

***Akkuza***

Illi l-akkuza dedotta kontra Ivan Galea hija bazata fuq ir-reat ta' Pussess Illegali (semplici) tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis – *referibbilment ghas-17 ta' Settembru 1999.*

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-provi rrizulta li fis-17 ta' Settembru 1999 l-imputat talab lift lil siehbu sabiex iwasslu d-dar bil-van.  Dan accetta u l-imputat pogga fis-seat ta' quddiem tal-passiggier.  Fuq in-naha ta' wara kien hemm zewg zaghzagh ohra. Meta kienu fi triqiethom ntaqghu ma roadblock, u wiehed mis-suldati xehed li

lemah oggett zghir jintrema barra mill-karrozza mit-tieqa tan-naha ta' fejn kien bil-qiegheda l-imputat.

Illi mill-ezamijiet forensici rrizulta li dak l-oggett kienet bicca raza tal-cannabis f' ammont nett totali ta' 2.582 grammi.

Illi l-imputat kemm *a tempo vergine*, kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija cahad li kien huwa l-awtur tal-azzjoni fuq indikata. Huwa cahad li kien huwa li rema dik ir-raza barra mit-tieqa.

***<u>Konsiderazzjoni tal-Qorti</u>***

Illi fil-fehma taghha ma hemmx provi sufficjenti sabiex jgi stabbilit *nexus criminis* bejn l-azzjoni kriminuza u l-imputat. Il-fatt li l-imputat kien qieghed fuq in-naha minn fejn allegatament intremiet il-blokka, jista' jqajjem fil-konfront tieghu suspett u xejn izjed. Il-posizjoni tieghu fil-vettura ma tistax twassal ghall-konkluzjoni li, *minghajr dubbju ragjonevoli*, kien hu li kellu l-pussess ta' dik id-droga.

Illi in tema legali l-qorti tosserva li suspetti u kongetturi *per se* ma jistghu qatt iservu biex tigi radikata r-responsabilita' kriminali u ma jistghu qatt *per se* jwasslu ghas-sejbien ta' htija. Jigi osservat ulterjorment li sabiex prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' htija trid tkun **<u>univoca fis-sens li ma tistax tfisser zewg affarijiet differenti.</u>** F' dan il-kaz jista' jkun li r-raza ntremiet mill-imputat, izda jista' jkun wkoll li kienet intremiet minn wiehed mit-tlett passiggieri l-ohra *albeit* mit-tieq tan-naha tieghu. Jista' jkun li per ezempju u ghal grazzja tal-argument, li ir-raza ntefghet minn wiehed mill-passiggiera li kienu fuq wara, u dana minn wara l-istess imputat, u allura ad insaputa tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet jimmilitaw kontra is-sejbien ta' htija tal-imputat, u jiggeneraw dubbju ragjonevoli fit-tesi tal-prosekuzzjoni b' mod li jinnewtralizzaw l-akkuza fil-konfront tieghu.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat hati skond l-akkuza u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***